# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Dicembru, 2001

## Avviz numru : 32/2001GT(GM)

**Sylvana Farrugia**

**vs**

**Anthony Cassar**

**It-Tribunal**

**Ra t-talba dedotta fl-avviz,**

**"Jghid il-konvenut ghaliex ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li huma bilanc ta' somma ikbar mislufa lilu mill-attrici, skond skrittura annessa bhala Dok A datata 21 ta' Dicembru 2000 fejn hemm ddikjarat illi thallset is-somma ta' hames mitt lira minn somma akbar ta' elf lira illi l-attrici kienet selfet lilu, liema skrittura hija ffirmata minnu u mill-attrici, flimkien mal-interessi fuq din is-somma mil 21 ta' Dicembru 2000 sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra tieghu".**

**Ra r-risposta li permezz taghha gie eccepit,**

**i) il-privilegium fori**

**ii) l-intempestivita' tal-azzjoni a tenur tal-artikoli 1072 u 1078 tal-Kodici Civili u dana peress illi jekk l-ezekuzzjoni tal-obligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, u l-obligazzjoni ghandha bhala oggett taghha hlas ta' soma ta' flus, din ghandha tigi esegwita fi zmien sentejn.**

**Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt."**

**Sema' l-provi, fela d-dokumenti esibiti mill-partijiet kontendenti u t-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-istess partijiet;**

**Ikkunsidra:**

**Illi l-eccezzjoni tal-privilegium fori giet irtirata.**

**Illi jirrizulta li f'Mejju 1999 l-attrici silfet lill-attur is-somma ta' LM1,000. Milli jidher ma kien hemm ebda ftehim dwar terminu ghar-restituzzjoni. Fil-21 ta' Dicembru 2000 il-partijiet iffirmaw skrittura bejniethom, redatta mill-kreditrici u ffirmata miz-zewg partijiet, li permezz taghha l-konvenut hallas LM500 akkont tas-self fuq imsemmi u dwar il-bilanc gie stipulat hekk: *Tony also agreed that the rest of the amount will be paid by Tony Cassar in the near future.* L-attrici, mistoqsija mill-avukat taghha stess x'kienet l-intiza dwar il-frazi *in the near future* wiegbet hekk: *Dakinhar kien broke u jien ghidtlu meta jkun qed sew jaghtihomli. Jien ma kontx qed nissikkah.***

**Illi l-partijiet kontendenti ittrattaw l-applikazzjoni o meno tal-artiklu 1072 tal-kodici civili li jghid hekk:**

**"Dak li ma jkollux jinghata hlief fi zmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-eghluq ta' dak iz-zmien, imma dak li jkun thallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiz-zmien tal-hlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iz-zmien."**

**Illi z-zewg partijiet jaqblu dwar l-applikabilita' tal-imsemmija disposizzjoni tal-ligi. Id-divergenza ta' bejniethom hi dwar minn meta kellu jibda l-perjodu ta' sentejn. Skond il-konvenut, dan jiddekorri mill-21 ta' Dicembru 2000, cioe' data tal-iskrittura li a bazi taghha sar l-avviz tat-talba, liema skrittura tikkostitwixxi novazzjoni. Skond l-attrici, dan jiddekorri minn Mejju 1999 ghax l-iskrittura tal-21 ta' Dicembru 2000 kienet biss ricevuta ta' pagament akkont, u ma jistax jigi accettat li ghax wiehed hallas pagament akkont, allura jkollu terminu ta' sentejn ohra mid-data tal-istess pagament akkont.**

**Illi min-naha l-wahda, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, l-iskrittura msemmija ma tikkostitwixxix novazzjoni; imma min-naha l-ohra l-anqas hija mera ricevuta ta' pagament akkont. Fost il-kazi fejn ikun hemm novazzjoni, hemm il-kaz fejn id-debitur jikkuntratta favur il-kreditur tieghu <u>debitu gdid</u> li jigi sostitwit ghad-debitu antika li jigi <u>kkancellat.</u> Li sar fil-kaz istanti certament mhux li d-debitu l-antik inqatel, anzi kien hemm riferenza ghad-debitu originali u kontestwali pagament akkont tal-istess debitu. Imma mhux biss. Kien hemm ukoll modifika ghal dak li huwa t-terminu ghall-hlas tal-bilanc. U cioe' kien hemm modifika tal-ftehim originali ghal dak li huwa t-terminu.**

**Ghalhekk huwa car illi <u>fil-mument li giet iffirmata l-iskrittura</u> effettivament il-konvenut kien inghata nifs ta' sentejn ohra biex ihallas id-debitu tieghu.**

**Illi b'danakollu, is-suespost huwa merament ezercizzju akkademiku, billi sussegwentement ghall-imsemmija skrittura, <u>saret modifikazzjoni ghall-ftehim kontenut fiha u dan billi l-konvenut irrinunzja ghat-terminu li kien hemm favur tieghu.</u> Dan ghamlu billi, meta rcieva ittra interpellatorja minghand l-avukat tal-attrici , datata 14 ta' Mejju 2001 (dok SF-1), *Tony Cassar kien qallu li se jaghtihomlu, qallu biex jiltaqa' mieghu, qallu li kien tiela' Ghawdex u se jaghtihomlu fuq il-vapur dawn il-hames mitt lira.* Il-konvenut, kontro-ezaminat, ma cahadx li kellu jiltaqa' fuq il-vapur mal-avukat tal-attrici, ghalkemm qal li kellu jsibu fuq il-vapur ghal ragunijiet li kellhom x'jaqsmu ma' kawza li ghandha ommu peress li l-avukat tal-attrici huwa l-avukat ta' omm il-konvenut. L-avukat tal-attrici allura staqsa lill-konvenut *Le mhux fuq t'ommok cempiltli sur Cassar. Cempiltli fuq dawn il-flus li ghandek taghti lil Sylvana u ghidtli: "ha nigi naghtik il-flus". Ghidtlek: Le, jiddispjacini rrid nitla' Malta ma' ta' xi s-siegha. Ghidtli: "Tajjeb, jien se nkun fuq il-vapur hemmhekk, nigi nsibek u naghtihomlok". Tiftakar dan kollu jew le?* U l-konvenut ma cahadx, imma wiegeb biss *ma niftakarx.* Id-difensur tal-attrici kompla : *Ma tiftakarx? Pero' l-ittra tieghi hi mibghuta inqas minn xahar wara tiftakar li rcevejtha, it-tieni wahda? U wara dakinhar inti rrispondejt permezz ta' Dr Simon Galea Testaferrata u ma ghidtx li m'intix se taghtiha flus. Ghidt li ghandek xi pretenzjonijiet kontra taghha.* Ghal dan, il-konvenut rega' ma cahadx, anzi kkonferma, ghax wiegeb: *ezattament.* It-tieni ittra msemmija, immarkata Dok SF-2 iggib id-data June 11, 2001 u kopja taghha tinstab esibita a fol 2. Fiha hemm miktub, fost affarijiet ohra, hekk: *Minkejja li immedjatament wara li rcevejt dik l-ittra*( tal-14.05.2001) *int kont cempiltli u weghedt li kont ser thallas l-ammont dovut (kellek anke tigi ssibni fuq il-vapur) sallum ghadek ma hallast xejn.***

**Illi in vista tas-suespost, it-Tribunal huwa konvint li l-konvenut kien accetta li jhallas il-LM500 minnufih. Dan billi c-cahda da parti tieghu mhix konvincenti: ma cahadx li kellu jiltaqa' fuq il-vapur mal-avukat tal-attrici; u l-allegazzjoni tieghu li l-iskop tal-laqgha kien biex jiddiskuti l-kawza t'ommu hija ghal kollox inverosimili, specjalment meta wiehed jikkunsidra t-temperament merkurjali ta' dan l-avukat li huwa maghruf li jirrezisti l-attentati xejn prudenti ta' certi nies li jkunu jridu jikkonsultawh barra mill-hinijiet tal-ufficcju legali tieghu jew, aghar minn hekk, barra mill-istess ufficcju! Barra minn hekk, la l-konvenut u l-anqas l-avukat tieghu Dr Simon Testaferrata ma cahdu l-kontenut tal-ittra tal-11 ta' Gunju 2001, minkejja li l-istess avukat wiegeb ghall-istess ittra; anzi, mhux biss, imma talli t-twegiba kienet fis-sens li l-hlas ma kienx se jsir ghax il-konvenut kellu pretenzjonijiet**

**ohrajn kontra l-attrici. Hemm ukoll id-deposizzjoni tal-attrici li kkonfermat x'kien qalilha l-avukat taghha *a tempo vergine* dwar il-laqgha ta' fuq il-vapur. Ghalkemm dan huwa *detto del detto*, it-Tribunal xorta wahda ikkunsidra din ix-xhieda, mhux biss ghax skond Art 9(2)(b) *il-Gudikatur ghandu jitgharraf b'kull mod li jista' jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritjera li biha jkun jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jitratta* imma wkoll billi din ix-xhieda hija kkoroborata permezz ta' Dok SF-2 u SF-3.**

**Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM500 bilanc ta' somma ikbar lilu mislufa mill-attrici b'dan li l-imghax jiddekorri biss mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-avukat tal-attrici, kontra l-konvenut.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**